XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.18 (Tmintax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill it-Tlieta, 11ta' Jannar, 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieg |
| | Marie Claire Depasquale |
| | Mario Buhagiar |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza w apoloġiji. Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 Il-Ħamis 6 ta' Jannar is-Sindku u s-Segertarju ffirmaw kuntratt quddiem in-Nutar Pierre Attard mas-Sur John Gatt, Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura,Trasport u Komunikazzjoni sabiex niehdu il-fondi allokati għall-progett tal-Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi skond l-MOU. Dan il- kuntratt sar b'sistema Bankarja magħrufha bħala *Cash Colleteral* minhabba l-garanzija li trid tinfetah.

3.2 Byelaws- huwa mifhum illi waħdha minnhom biss, jiġifieri dik ta' l-*street furniture* ser tiġi ppubblikata u ffinalizzata f'qasir żmien.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

3.3 A rigward il-proposti li l-Kunsill kien għamel dwar l-ilma ta' l-għarar li jinġabar minn Ħaż-Żabbar biex jintrema' fuq ix-Xatt lejn l-imħawi tat-Torri ta' Triq il-Wiesgħa, hemm ix-xnieha li Mr Martin Seychell m'hux ser ikompli fuq dan il-proġett. Għalhekk għadha għaddeja konsultazzjoni dwar il-proposta ta' sit alternattiv.

.

3.4 Ġiet proposta li d-data tal-ġbir ta' l-iskart domestiku bieb bieb, għandha tkun It-Tnejn, 14 ta' Frar, 2011.

3.5 Qed jintrema skart goff u ieħor mhux kompatibbli mal-Bring-in-Sites u għalhekk hemm il-ħtieġa li jsir xi tip ta' CCTV. Green MT u l-kuntrattur tal-Kunsill qed jiġbru dan l-iskart differenti.

3.6 A rigward il-claim ta' l-Insurance dwar is-serqa, il-Pulizija jirritjenu, illi billi għadha għaddejja l-inkesjta Magisterjali ma jistgħux jikkonkludu r-rapport.

3.7 Il-Laqgha Annwali tal-lokal ser issir fit-18 ta' Jannar 2011 fis-6.00pm fic-Centru tal-Kunsill hdejn il-Librerija u r-residenti permanenti intbghatilhom avviz bil-posta. Is-Sindku heggeg lill-Kunsilliera sabiex ifakkru lir-residenti fuq din il-laqgha.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Korrispondenza:

4.1 Fost il-korrispondenza il-Kunsill irċieva diversi proposti a rigward sistemi ta' sigurta' bi quotations. Din il-kwistjoni ta' sigurta' se tkun studjata u kull possibilta' ta' sigurta' anke dik tal-Warden's system tkun studjata.

4.2 Korrispondenza oħra t'interess hija dik ta' Courses li qed joffri l-Istitut tal-Health & Safety. Ikun ferm xieraq u għaqli li jittellgħu diversi courses għar-residenti fix- xhur li ġejjin.

4.3 Wara li l-Kunsill kien irrimarka u ġibed l-attenzjoni lill-Dr. Austin Gatt a rigward il-bini mill-ġdid ta' parti minn Triq il-Fortizza tal-Grażżja issa ġie assigurat li din ser issir bla aktar dewmien u dan skond il-ftehim tal-MOU. Jirriżulta wkoll li Triq San Leonardu ser titwessa' u ssir bit-tarmak bħala aċċess għall-impjant SSTP bi spiża ta' madwar €750,000.

XGĦAJRA

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda - Ġew approvati w ratifikati l-infieq għax-xahar ta' Jannar 2011.

6. Item Nru. 6 fuq l-Agenda - Il-Kontijiet Finanzjarji

   6.1 Qedghin jigu ppreparati u qedghin nistennew l-ahhar statements tal-Bank.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Aġġornament:

   Aġġornament għat-Tlieta, 15 ta' Frar, 2011 fil-5.30pm

_______________________ _______________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt